A.L. 24 ta' l-1997

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-PULIZIJA (KAP. 128)

Regolamenti ta' l-1997 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Pulizija (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att dwar il-Liċenzi tal-Pulizija, il-Prim Ministru għamel ir-regolamenti li ġejjin: —

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1997 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Pulizija (Emenda Nru. 2), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1949 dwar il-Liċenzi tal-Pulizija, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". Titolu. G.N. 846 ta' l-1949.

2. It-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej: Jemenda l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

(i) minflok il-partiti 3 u 4 tagħha, għandu jidħol dan li ġej:

	Lm
"3. Għax-xiri ta' kull arma tan-nar u/jew għaż-żamma ta' kull arma tan-nar u/jew kull munizzjon sa l-aħħar tas-sena li fiha tkun inxtrat	7.00
4. (a) Għaż-żamma ta' arma jew armi tan-nar, li ma tkunx senter jew snieter fi stat funzjonabbli, jiġifieri li jista' jispara, f'kull sena wara dik meta tkun inxtrat, fis-sena	7.00
(b) Għaż-żamma ta' arma jew armi tan-nar, li tkun senter jew snieter fi stat funzjonabbli, jiġifieri li jista' jispara, f'kull sena wara dik meta tkun inxtrat, fis-sena	19.00";

(ii) minflok il-partiti 7 u 8 tagħha, għandu jidħol dan li ġej:

	Lm
"7. (a) Għall-ġarr ta' arma tan-nar għall-isport jew għall-kaċċa fuq l-art (barra mill-kaċċa għall-fenek selvaġġ), fis-sena	12.00
B'dan illi persuna liċenzjata skond il-partita 7 (a) għandha thallas għaż-żamma ta' senter jew snieter fi stat funzjonabbli f'kull sena wara dik meta jkun inxtara, dritt ta'	7.00
(b) Għall-ġarr ta' arma tan-nar għall-kaċċa minn fuq opra tal-baħar, tlett kilometri barra mill-kosta, fis-sena	30.00
B'dan illi persuna liċenzjata skond il-partita 7 (b) għandha thallas id-drittijiet li għandhom jithallsu skond il-partita 7 (a) u l-proviso relattiva fejn japplika.	
8. Għall-ġarr ta' armi tan-nar għall-kaċċa tal-fenek selvaġġ, fis-sena	5.00
B'dan illi persuna liċenzjata skond il-partita 8 għandha thallas id-drittijiet li għandhom jithallsu skond il-partita 7 (a) u l-proviso relattiva fejn japplika.";	

(iii) minflok il-partita 20 tagħha, għandu jidħol dan li ġej:—

	Lm
"20. (a) Għat-teħid ta' għasafar, fis-sena	6.00
(b) Għat-teħid tal-fenek selvaġġ, fis-sena	6.00";

u

(iv) minnufih wara l-partita 110 tagħha, għandu jidħol dan li ġej:—

"111. Għal-liċenza ta' balzmatur, fis-sena	10.00".